Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 229/2016: ANTHONY SIVE TEDDY VASSALLO (ID. 133657M) U MEDSEA AGENCY SHIPPING LIMITED (C45855) V. RODERICK JAMES AGIUS (ID. 77673M) U JOE MIKALLEF BHALA EDITUR U GURNALIST RISPETTIVAMENT TAL-GAZZETTA "IL-MUMENT"

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 - EXCEPTIO VERITATIS – PROVA TAL-VERITA' – KAP. 248 ART. 12 – FAIR COMMENT - KUMMENT ĠUST – MALAFAMA TA' NEGOZJU – KAP. 248 ART. 29)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' Ottubru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Anthony sive Teddy Vassallo ("ir-rikorrent") u Medsea Agency Shipping Limited ("il-kumpanija rikorrenti", flimkien "ir-rikorrenti", ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2016,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Roderick James Agius ("l-intimat Agius") u Joe Mikallef ("l-intimat Micallef"), flimkien "l-intimati", ippreżentata fis-6 ta' Ottubru 2016,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-31 ta' Ottubru 2019,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Adrian Camilleri
- tal-intimati, mill-Avukat Dr. Peter Fenech,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Atti promoturi

1. Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni dovuti lilhom taħt l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) b'konsegwenza ta' artikolu ppubblikat parzjalment fuq il-faċċata tal-gazzetta "Il-Mument" tal-11 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Konflitt ta' Interess", liema artikolu r-rikorrenti ħassew li kien libelluż, malafamanti u ta' ħsara fil-konfront tagħhom.

2. L-intimati ippreżentaw tlett eċċezzjonijiet li fis-suċċint huma s-segwenti:

    1. Il-pubblikazzjoni kienet tikkonsisti f'fatti verifikabbli.
    2. Il-pubblikazzjoni kienet tikkonsisti fi kritika politika ta' interess pubbliku, aċċettabbli f'soċjetà demokratika u kienet tikkonsisti f'*fair comment*.
    3. Il-pubblikazzjoni in kwistjoni m'hijiex libelluża fil-konfront tar-rikorrenti.

3. Ir-rikorrenti esebew mar-rikors kopja tal-artiklu lamentat u mmarkaw bl-isfar dawk il-partijiet li huma ħassewhom inġurjati bihom:

    "***KONFLITT TA' INTERESS***

    ***Il-Ministru f'Kastilja Konrad Mizzi għandu konflitt ta' interess hekk kif il-Gvern qabbad lill-kumpanija Med Sea Shipping biex waslu f'Malta tmien ankri ta' 40 tunnellata l-waħda għat-tanker tal-gass Armada LNG Mediterrana. Wieħed mid-Diretturi ewlenin ta' din il-kumpanija hu Teddy Vassallo li jiġi z-ziju tal-Ministru Konrad Mizzi.***

    ***Il-Gvern qabbad lill-kumpanija li Direttur tagħha huwa z-ziju tal-Ministru Konrad Mizzi, biex iġġib tmien ankri għat-tanker tal-gass***

    *... Jidher li l-Gvern ta' Joseph Muscat qabbad direttament lil din il-kumpanija Maltija biex jinġiebu lejn pajjiżna dawn l-ankri kbar. L-istess Med Sea Shipping Agent hi wkoll l-aġent tal-kumpanija China Shipping*"

### Liġi applikabbli

4. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' iktar minn sena u nofs wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

   '*l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar*'

5. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

**Il-prova tal-verità**

*Il-liġi u l-każistika*

6. L-intimati jeċċepixxu l-*exceptio veritatis* u ċioe filwaqt li qed jieħdu r-responsabiltà ta' dak li ġie ppubblikat qed jgħidu illi sostanzjalment il-kliem li ġew ippubblikati jikkonsisti f'fatti veri. Din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża (li ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kap.248 tinkludi ukoll korp ta' persuni) taqa' taht waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u cioe:

   1. *Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew*

   2. *Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onesta, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew*

   3. ***Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew***

   4. *Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew*

   5. *Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.*

7. Mix-xhieda mogħtija fil-kawża ħareġ illi r-rikorrent huwa wieħed minn żewġ diretturi (u ukoll azzjonist tramite kumpanija *holding*) fil-kumpanija rikorrenti, liema

kumpanija hija *inter alia* involuta fin-negozju ta' servizzi marittimi li toffri lil sidien u operaturi ta' bastimenti li jkunu ser iżuru Malta. L-artikolu in kwistjoni jolqot, direttament jew indirettament, l-eżerċizzju tan-negozju imsemmi f'tali settur u għalhekk huwa ċar illi r-rikorrenti jaqgħu taħt il-kategorija ta' persuna li *"abitwalment teżerċita ... sengħa"*. F'dan ir-rigward jingħad illi għalkemm il-kelma "sengħa" kif użata fil-liġi hija iżjed ekwivalenti għal dak li fl-Ingliż jissejjaħ "*craftsmanship*", madanakollu t-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal kelma "*trade*" u filfatt din il-parti tal-artikolu dejjem ġiet interpretata mill-Qrati tagħna f'dan is-sens, ċioe fis-sens ta' negozju.

8. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-ġustifikazzjoni setgħet titqajjem b'mod validu mill-intimati fil-konfront tar-rikorrenti. Jibqa' naturalment neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimati rnexxielhomx bil-provi li ressqu tul din il-kawża isostnu din l-hekk imsejjħa *exceptio veritatis.*

9. Kif ingħad mill-awtur ċelebri John Clement Carpenter Gatley, awtorità' fil-liġi Ingliża fejn tidhol il-liġi tal-malafama (libelli u kalunji):

   *"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natural and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey…The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true…"*[1]

10. Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti ("plea of justification") il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet '**Brian Ebejer v. Dennis Degiorgio'** (Referenza: 2066/1998/1JRM deciza fid-29 ta' Settembru 2011) li: "*irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbiltà' kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li 'in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them,*

[1] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed., paras. 1389-1390, pp. 568-569.

*are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified'"*[2]

11. Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '**Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose' Herrera'** (ECLI:MT:AINF:2017:104601 deciza fit-30 ta' Jannar 2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset: *"Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun kemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. 'A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that he believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages'".*

*Provi*

12. In sintesi l-artikolu lamentat jitratta dwar kuntratt li skond l-artikolista, il-kumpanija rikorrenti ħadet mingħand il-kumpanija ElectroGas Malta Ltd sabiex twassal tmien ankri intiżi għall-irmiġġ tal-FSU (komuniment magħruf bħala "t-tanker tal-gass") Armada LNG Mediterrana ġewwa l-port ta' Marsaxlokk. L-artikolu in ġenerali jitratta dwar il-kontroversja li l-FSU tkun ankrata ġewwa l-port u l-implikazzjoni ta' dan l-irmiġġ għas-saħħa u s-sigurtà tar-residenti li jgħixu fil-viċin. Dak iż-żmien l-FSU Armanda LNG Mediterrana kienet għada qed tbaħħar lejn Malta minn Singapore iżda sadanittant kien daħal f'pajjiżna fil-bidu ta' Settembru 2016 bastiment Malti magħruf bħala "Wilson Brake" li abbord fuqu kien hemm tmien ankri ġganteski (ta' 40 tunnellata il-waħda) li kienu ser jintużaw għall-irmiġġ tal-FSU f'Marsaxlokk. Skond l-artikolista, il-Gvern qabbad lill-kumpanija rikorrenti direttament sabiex iġġib dawn it-tmien ankri f'Malta u peress illi l-Ministru tal-Ministeru konċernat jiġi z-ziju tad-direttur tal-kumpanija, allura skond l-artikolista dan l-istess Ministru kellu konflitt ta' interess.

[2] Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn *"Carter Ruck Libel and Slander (3rd Edit.) paġna 86"*

13. Mix-xhieda tad-direttur tal-kumpanija rikorrenti ċioe ir-rikorrent Anthony "Teddy" Vassallo, ta' Anton Buttigieg u tar-rappreżentant legali ta' ElectroGas Malta Ltd, Chris Frendo, inkluż dokumenti li esebew l-istess xhieda ħareġ is-segwenti:

    - Fis-17 ta' Gunju 2016, ElectroGas Malta Ltd u l-kumpanija Norveġiża Ocean Installer Ltd iffirmaw *letter of intent* sabiex eventwalment jidħlu fi ftehim li permezz tiegħu din tal-aħħar tissupplixxi u tkun responsabbli għall-*"engineering, procurement, delivery, construction and installation"* ta' *Spread Mooring Chain System* għall-irmiġġ tal-Armada LNG Mediterrana ġewwa l-Port ta' Marsaxlokk.

    - Fit-18 ta' Lulju 2016 ġie imbagħad issiġillat u ffirmat il-kuntratt relattiv bejn il-partijiet.

    - Kif inhuwa n-norma f'kuntratti ta' din ix-xorta, Ocean Installer Ltd bħala l-Kuntrattur ingħatalha d-dritt illi tagħmel *sub-contracting* ta' xi xogħolijiet li kienet responsabbli għalihom. Per eżempju Ocean Installer Ltd qabbdet lill-kumpanija Vryhof Anchors B.V. sabiex  tissupplixxi l-ankri u l-*mooring line*.

    - Anthony Buttigieg li daħal fil-kumpanija rikorrenti f'Ġunju 2016 u li jgħid li huwa d-direttur tagħha (xi ħaġa li però m'hijiex riflessa fid-dokument tar-Reġistratur tal-Kumpaniji esebit mir-rikorrent man-nota tiegħu fid-19 ta' Frar 2018) xehed illi huwa daħal fil-kumpanija speċifikament biex jiżviluppa s-settur tal-proġetti, primarjament dawk li għandhom x'jaqsmu mal-gas, jidentifika dawk il-proġetti li jkunu ta' interess u javviċina lill-kumpaniji involuti ossia l-kuntratturi li jkunu ħadu l-kuntratti prinċipali sabiex joffrilhom s-servizzi tal-kumpanija rikorrenti.

    - Malli sar jaf illi Ocean Installer Ltd kienet ġiet imqabbda mill-ElectroGas Malta Ltd huwa ċempel persuna ġewwa Singapore li min-naħa tiegħu infurmah illi l-proġett li kienu ħadu kien sejjer jiġi mmexxi mill-uffiċċju tagħhom li jinsab fin-Norveġja u li dan kien ser jgħaddilhom id-dettalji tiegħu sabiex jikkuntattjawh huma.

    - Fit-22 ta' Awwissu 2016 Marit Knudsen għan-nom ta' Ocean Installer Ltd bagħat *email* lil Anton Buttigieg fejn tah elenku tas-servizzi li kienu qed ifittxu u talbu ukoll sabiex jibgħatlu r-rati tal-kumpanija rikorrenti. Infurmah

ukoll bl-urġenza li kellhom peress illi x-xogħol meħtieġ kien ser jibda f'qasir żmien.

- Fit-30 ta' Awwissu 2016 l-istess Marit Knudsen informa lil Anton Buttigieg illi Ocean Installer Ltd kienet għażlet lill-kumpanija rikorrenti sabiex tkun l-*Agent Service Provider* tagħhom f'Malta għas-servizzi rikjesti u f'dan ir-rigward bagħtlu *purchase order* b'valuri approssimattivi. Skond Anton Buttigieg kien hemm żgur kumpaniji oħra lokali li ġew avviċinati jew offrew is-servizzi tagħhom lil Ocean Installer Ltd però finalment kienet il-kumpanija rikorrenti li ntgħażlet. Skond ir-rikorrent Vassallo kien hemm tlett kumpaniji oħra li kkompetu magħhom.

14. Ix-xhieda kollha kkonfermaw illi ma' kien hemm l-ebda relazzjoni kummerċjali ta' kwalsiasi natura bejn ElectroGas Malta Ltd u l-kumpanija rikorrenti u li ElectroGas Malta Ltd kienet biss il-klijent ta' Ocean Installers Ltd fir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom u ma' kellha xejn x'taqsam fil-ftehim bejn il-kumpanija rikorrenti u Ocean Installers Ltd.

15. Ir-rappreżentant legali tal-intimati, kif wara kollox kien xogħolu li jagħmel, prova jxejjen il-kredibilta' ta' din it-teżi billi fost oħrajn jixħet dubbju fuq kemm Ocean Installers Ltd kellha għażla libera meta ġiet biex tingaġġa lil Med Sea Shipping Agency Ltd peress illi ssiġġilat il-ftehim mal-kumpanija rikorrenti proprju ftit qabel ma' kellhom jibdew ix-xogħolijiet u peress ukoll illi kienet hi li bdiet il-korrispondenza mal-istess kumpanija. F'dan ir-rigward però Anton Buttigieg għal kumpanija rikorrenti xehed hekk fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018:

    *"Dr Peter Fenech: Tajjeb ... u inti qed tghidli illi bejn Gunju u Settembru waqt li dawn tajjeb ... jafu li gej ... waqt li dawn skuzani ... bejn Gunju u t-22 ta' Awwissu ma ghamlu xejn biex isibu agent, tajjeb? Imbaghad f'din l-ahhar gimgha isibu agent u kumbinazzjoni johorgu l-istejjem u intom ghadkom in time biex tapplikaw bl-istejjem u jaghzlu lilkom. Hekk qed tghidli hux hekk?*

    *Ix-Xhud: Mhux hekk. Ha nghidlek x'qed nghidlek ezatt jien. Sur Magistrat ... Kif jigru l-kazi hafna f'dan it-tip ta' xoghol, dawn il-kumpaniji, is-support lokali li ghandhom bzonn, ihalluha kwazi ghall-ahhar mument ghax jafu li ha jsibu. Dan jafu cert li hawn Malta ha jsibu min jissapportjahom. Liema agent hawn Malta ha jigih kumpanija bhal din u ha jghidlu ma rridx naqdik ta', thank you very much. Issa ha nghidlek ukoll. Jiena dhalt fil-loghba ... ahna dhalna fil-loghba kwazi fl-ahhar ghax ghamilt il-kuntatti li*

*kelli naghmel jien, nahseb tkellimt kif kelli nitkellem u accettaw li jinkluduna fil ... fl-RFQs. Request for Quotations. Jien kont naf li diga' kellhom kuntatti ma' agenti ohra. Again, dan hu xoghlna ok? That explains the timing. Dana jekk gej vapur ... jekk gej vapur lejk, kull m'ghandek bzonn biex torganizza ruhek gimgha.*

*Dr Peter Fenech: Tajjeb. Ghandek bzonn gimgha. Fil-fatt f'dan il-kaz ma kellekx gimgha. Ghaliex intom bghattu fit-30 u mbaghad dahal Malta fil-5. Ma jimpurtax.*

*Ix-Xhud: Qed nghidlek ... dan anke mil-lum ghal ghada ahna nirrangaw."*

Min-naħa tiegħu r-rikorrent Vassallo xehed kif ġej fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2017:

"Dr Peter Fenech: Jiena qed nghidlek li mhux verita' dak li qed tixhed. Mhux korrett dak li qed tixhed. U ha nghidlek ghala mhux korrett? Ha naqralek li fil-fatt kienu huma li gew ifittxukom, fit-22 ta' Awwissu tajjeb, fl-9.45 ta' filghodu, document AB2 Sur Magistrat ... fejn jghidulek, "Ocean Installer has got a job ..." dan qed naqra ta' litteralment ... in connection with this. Can you please send us your standard rates for us to evaluate." Issa kif tghidli ... tajjeb ... mort tfittxhom int, harget tender, spjega lill-Magistrat, ghax il-Magistrat irid jifhem mhux jien.

Ix-Xhud: Mela Sur Magistrat. Bil-qalb kollha nispjegalu lis-Sur Magistrat ... Mela ... f'dan it-tip ta' xoghol ... f'dan it-tip ta' xoghol, meta inti tiskopri li se ssir xi haga, l-ewwel haga li taghmel hija telephone call. Ok? U biex nghidlek iktar, it-telephone call li ghamilt jien kienet lill-bniedem li sirt naf bih li kien ibbazat Singapore. Ok? Meta, kellimtu lil dan, Singapore, qalli thank you very much talli ikkuntattjajtna, qalli biss, dan il-progett ... dan il-progett se jigi kontrollat mill-ufficcju taghna ta' Norway. Qalli jien ha nghaddi d-dettalji tieghek, u dawn ha jaghmlu kuntatt mieghek. Jien ippruvajt, kif inhu d-dover tieghi ippruvajt nghidlu, isma' tini ... ghidli min huma n-nies ta' Norway halli nikkuntattjahom jien. Qalli le. Qalli inti oqghod hemm u jekk ghandhom bzonnok ha jikkuntattjawk huma. And hence that email you have in front of you.

Il-Qorti: U allura l-email tat-22nd August hija meta mbaghad huma kkuntattjawk rizultat ta' din it-telefonata?

*Ix-Xhud:* Korrett."

16. Mill-assjem tal-provi l-Qorti hija aktar milli sodisfatta illi ma' kien hemm l-ebda konnessjoni bejn il-Gvern u l-kumpanija rikorrenti fl-ingaġġar ta' din sabiex twettaq ix-xogħolijiet imsemmija fl-artikolu.

17. Chris Frendo, rappreżentant legali ta' ElectroGas Malta Ltd, xehed illi kien hemm okkażjonijiet fejn l-Electrogas ħallset lil Medsea Shipping Agency Ltd direttament iżda dan kien jiġri fuq struzzjonijiet ta' Ocean Installers Ltd biex jiġi faċilitat il-ħlas lill-kumpanija rikorrenti. Min-naħa tagħha r-rikorrenti xehdu fuq dan il-punt illi fir-rigward tax-xogħolijiet li ssemmew fl-artikolu lamentat l-ElectroGas Malta Ltd qatt ma' ħallset direttament lil Medsea Shipping Agency Ltd u kien biss fir-rigward ta' xi *extra works* fuq kuntratt ieħor sussegwenti illi rċevew xi ħlas direttament mingħand l-ElectroGas. Anke hawnhekk però, il-Qorti ma' tarax illi dan huwa b'xi mod rilevanti għal din il-kawża mhux biss għaliex il-ħlas ma' joħloq l-ebda vinkolu kuntrattwali bejn min iħallas u min jitħallas, iżda iktar minn hekk għaliex ElectroGas Malta Ltd m'hijiex il-Gvern Malti u anke li kieku b'xi mod ġie ppruvat (li m'huwiex il-każ) illi ElectroGas Malta Ltd qabbdet direttament lill-kumpanija rikorrenti, dan ma' kienx jġib b'daqshekk illi kien hemm xi konflitt ta' interess jew li l-Ministru kien abbuża minn xi konflitt ta' interess.

18. Għalhekk jirriżulta b'mod ċar lill-Qorti illi l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti mressqa mill-intimati f'din il-kawża ma' tistax tintlaqa għaliex l-artiklu jikkonsisti fl-asserzjoni żbaljata illi l-Ministru Konrad Mizzi ossia' l-Gvern qabbad lill-kumpanija rikorrenti għax-xogħolijiet indikati fl-artikolu.

**Kummenti ġusti (*fair comments*)**

*X'jgħidu l-awturi u x'tgħid il-każistika*

19. L-intimati eċċepew ukoll illi l-fatti imsemmija fil-pubblikazzjoni jikkonsistu fl kritika politika ta' interess pubbliku u kienu jikkonsistu f'*fair comment.*

20. Fis-sentenza **London Artists Ltd. v. Emile Littler** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) Lord Denning qal hekk:

"***The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951]***

***1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"***

21. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

***"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."*** [3]

22. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[4] huma għalhekk is-segwenti:

---

[3] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[4] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żeblih, tgħajjir jew insolenza; u
5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.
6. Il-kumment irid ikun fuq materja li tkun "*in the public interest*" jew tal-inqas tkun tali li dwarha l-pubbliku jkollu "*a legitimate concern*"

23. Kif diġà ingħad iktar 'l fuq, l-fatt prinċipali espost fl-artiklu lamentat irriżulta li huwa sostanzjalment skorrett. Huwa vera illi illi l-kuntest li fih inkiteb l-artiklu huwa "*a matter of public interest*" mhux l-anqas għaliex kien jirrigwarda proġett ta' importanza nazzjonali. Madanakollu dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika d-difiża tal-fair comment iktar u iktar meta l-fatti bażiċi li esponew l-intimati, *"those which go to the pith and substance of the matter"*, irriżultaw li kienu skorretti.

24. Il-Qorti għalhekk ma tqisx illi l-partijiet mill-artikolu meqjusa bħala malafamanti mir-rikorrenti jistgħu jitqiesu bħala fair comment u għalhekk lanqas din l-eċċezzjoni m'hija qed tiġi milqugħa.

**Il-malafama lir-rikorrenti**

25. L-intimati eċċepew ukoll illi l-kontenut tal-artikolu lamentat mhuwiex libelluż u/jew malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

26. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et**.' (App. Civ. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):

*"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-*

*pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjita` ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tieghu"*

27. Ġie stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana[5] u anke dik Ingliża illi biex wiehed jiddetermina jekk kliem humiex malafamanti jew le wiehed għandu japplika t-test tal-bniedem ragjonevoli dotat b'intelligenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawza **Lewis v. Daily Telegraph[6]**:

*"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."*

28. Il-Qorti tagħmel referenza ukoll għal dak li jgħid il-Gatley f'dan ir-rigward:

*"While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole…*

*Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment."*[7]

29. Inoltre, dak li jista' jiftiehem mill-qarrej ordinarju m'huwiex biss dak kommunikat permess ta' kliem espliċitu iżda ukoll permess ta' 'innuendo". Il-Qrati taghna dahlu

---

[5] Ara per ezempju **L-Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi** (Rif Nru 947/1997/2 deciza fid-19 ta' April 2005)
[6] [1964] A.C. 234, 258.
[7] Gatley on Libel and Slander (11th edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para.12.10-12.11, p. 346

diversi drabi fuq dan il-punt. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>"G. Strickland vs Goffredo Chretien</u>"** (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX.I.859) fejn l-kunċett ta' "innuendo" ġie imfisser hekk:-

*"Il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna inġurjata tirrevoka mill-kitba nkriminata u li hija trid li tiġi milqugħ mill-ġudikant".*

30. It-titolu tal-artikolu in kwistjoni jalludi għal kunflitt ta' interess li kellu l-Ministru Konrad Mizzi. Però l-allegazzjoni prinċipali tmur oltre minn sempliċiment posizzjoni fejn il-Ministru kellu interessi jikkompetu lil xulxin li jagħmluha diffiċli għalih sabiex jaqdi dmiru b'mod etiku u imparzjali. Filfatt l-intimati jmorru oltre u jallegaw illi kien hemm l-abbuż ta' dan il-konflitt ta' interess peress illi skond huma effettivament qabbad lill-kumpanija tan-neputi tiegħu sabiex tagħmel ix-xogħolijiet in kwistjoni.

31. Kif ingħad, l-intimati kienu żbaljati f'dan ir-rigward. Iżda b'daqshekk dan ifisser illi r-rikorrenti kellhom ir-reputazzjoni tagħhom milquta u attakkata? Wara kollox **<u>ma' kienx il-Ministru Konrad Mizzi li fetaħ din il-kawża</u>** iżda kienet il-kumpanija li allegatament gawdiet minn dan il-konflitt ta' interess li kellu l-Ministru konċernat (u wieħed mid-diretturi tagħha).

32. F'dan ir-rigward ir-rikorrent Vassallo xehed kif ġej:

*"Dr Adrian Camilleri: Tista' tghidilna ghalfejn inti hassejtek aggravat.*

*Xhud: Il-ghaliex ix-xoghol ma kellu x'jaqsam xejn la mal-Ministeru, la mal-Gvern u ma hadd. Kienet tender privata ma' kumpanija Norvegiza li just for the record ghadna kif spiccajna tender iehor li rbahna minn taghha f'**** barra mil-Libya. Tender iehor. U jekk nirbhu t-tielet tender imbaghad insiru l-agenti. U hassejtni aggravat ghaliex hawnhekk hawn akkuzi li ma jreggghux u ma jaghmlu sens ta' xejn."*

33. Ma' hemmx dubbju illi r-rikorrent Vassallo ma' ħa gost xejn u ħassu urtat bl-allegazzjoni li huwa b'xi mod ibbenefika minn zijuh sabiex jieħu x-xogħol in kwistjoni. Dan l-urtament ħareġ ċar fil-kors tal-kawża ukoll meta l-istess rikorrent stqarr illi *"we are a self made company, we don't need anybody's help, we don't ask for anybody's help. Very pure and simple."*

34. Il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom raġun iħossuhom malafamati bl-artikolu in kwistjoni. Qarrej ta' intelligenza ordinarja li jaqra l-artikolu mhux biss jifhem illi l-

Ministru Konrad Mizzi qabbad direttament lill-kumpanija rikorrenti sabiex tagħti s-servizzi indikati għaliex din kienet tappartjeni lin-neputi tiegħu **iżda inoltre jifhem ukoll illi r-rikorrenti bbenefikaw inġustament minn dan l-allegat konflitt ta' interess.**

35. Il-Qorti tħoss li anke jekk is-suġġett kien ta' interess pubbliku, madanakollu r-rikorrent Vassallo u l-kumpanija tiegħu sfaw intortament mċappsa pubblikament b'mod li r-reputazzjoni tagħhom ġiet imtappna u dan sempliċiment għaliex ir-rikorrent Vassallo inzerta li jiġi n-neputi tal-Ministru li taħtu ngħatat il-konċessjoni lil ElectroGas Malta Ltd sabiex topera l-*Power Station* ġdida tal-gass.

36. Il-Qorti tinnota ukoll illi ma' jidhirx illi l-artikolista għamel xi riċerka partikolari sabiex joħroġ l-artikolu lamentat. Mhux biss ma' ndenjax ruħu jikkuntattja lir-rikorrenti (u apparentement lanqas lil Ocean Installer Ltd) qabel ma' ppubblika xogħolu iżda inoltre lanqas jidher li għamel xi sforz sabiex jivverifika dak li forsi seta' ġie infurmat tramite s-sorsi tiegħu.

**Danni**

37. Ir-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tillikwida d-danni dovuti lilhom taħt il-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta għall-ħsara li jgħidu li sofrew mingħajr indikazzjoni dwar jekk humiex qed jitolbu id-danni kemm taħt l-Artikolu 28 (danni morali għal malafama) u kemm taħt l-Artikolu 29 (danni għal malafama ta' negozju).

38. L-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 jgħid hekk:

*'28. (1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti ċivili kompetenti tista', minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, tagħti lill-persuna offiża somma ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)'*

39. L-Artikolu 29 tal-Kap. 248 jipprovdi li

*'29. Kull min, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3, jippubblika xi dikjarazzjoni li jkun jaf li hi jew bid-diliġenza xierqa seta' jkun jaf li hi falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lil xi negozju jew proprjetà oħra, jeħel li jħallas, minbarra d-danni li jkollhom jitħallsu taħt xi liġi oħra li tkun isseħħ dwar kull telf jew ħsara attwali, somma ta' mhux iżjed minn*

*ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) li tiġi stabbilita mill-qorti kompetenti.'*

40. Għalkemm kien ikun aktar feliċi li kieku r-rikorrenti indikaw biċ-ċar taħt liema artikolu qed jitolbu r-risarċiment tad-danni madanakollu huwa evidenti li t-talba tagħhom għal danni taħt il-Kap. 248 tikkomprendi kwalsiasi danni, anke dik konċernanti n-negozju tagħhom, u dan joħroġ mhux biss għaliex waħda mir-rikorrenti hija kumpanija (għalkemm strettament l-Art. 28 tapplika ukoll għal korpi ġuridiċi) iżda iktar minn hekk għaliex fil-kors tal-kawża r-rikorrenti għamlu ukoll aċċenn għad-danni li n-negozju tagħhom seta' sofra.

41. Għall-fini tal-Artikolu 29 jrid jirrizulta li l-intimati kienu jafu, jew bid-diliġenza xierqa setgħu jkunu jafu, li d-dikjarazzjonijiet li kienu qeghdin jaghmlu kienu **<u>foloz</u>** u li **<u>x'aktarx kienu ser jagħmlu ħsara lin-negozju</u>** tar-rikorrenti. Huma dawn iż-żewġ elementi li jridu jissussistu sabiex it-talba tar-rikorrenti tirnexxi.

42. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent Vassallo xehed kif ġej fuq dan il-punt:

*"Xhud: Ir-repercussion kienet li l-kumpanija Norvegiiza ma hadet pjacir xejn li giet esposta politikament meta ma kellha l-ebda politika fiha. Bhala repercussions ohrajn, anke mac-China Shipping ghamlu find-out maghna ghala qed jissemmew f'oggett li m'ghandhom x'jaqsmu xejn u li ma ghamlu xejn tieghu. Ix-xoghol taghna huwa sensittiv hafna, hawn hafna agenti Malta, u easy biex titlef kumpanija ta' statura kbira"*

43. B'analiżi ta' dan l-artikolu l-Qorti ma' temminx li l-editur jew l-artikolista ppubblikaw dikjarazzjoni li kienu jafu li hija falza. Għalhekk il-Qorti trid tindaga jekk bid-diliġenza xierqa l-intimati setgħux ikunu jafu li hija falza u li x'aktarx tagħmel ħsara lin-negozju tar-rikorrenti.

44. Kif diġà kellha l-opportunita' tirrimarka f'kawżi oħra ta' din in-natura, il-Qorti tifhem u tapprezza x-xogħol tal-ġurnalisti u r-rwol fundamentali tal-media bħala r-raba' pilastru ta' soċjetà' demokratika. Ħafna drabi dan l-istess xogħol ftit jiġi apprezzat mill-pubbliku li ftit jew xejn tgħaddilu minn moħħu kemm ġurnalist ta' stoffa jaħdem taħt pressjoni u kemm jidħol għal riskji sabiex jaqdi l-inkarigu tiegħu. Madanakollu l-Qorti ma' tistax tinjora każijiet fejn jidher pjuttost ċar illi r-riċerka ġurnalistika ma' tkunx saret jew inkella tkun saret b'mod superfiċjali. Dan ċertament

m'huwiex il-mod kif il-poplu in ġenerali jiġi mogħti informazzjoni essenzjali fuq proġett ta' skala nazzjonali. Bi ftit diliġenza u riċerka, anke permezz ta' informazzjoni meħuda legalment jew minn ottika legali, l-intimati setgħu jaslu għal konklużjoni illi ElectroGas Malta Ltd ma' kellha xejn x'taqsam fl-ingaġġar tal-kumpanija rikorrenti.

45. Il-Qorti hija konvinta ukoll illi anke jekk l-artikolu ma' kienx indirizzat primarjament lejn ir-rikorrenti, bi ftit diliġenza l-intimati setgħu jkunu jafu r-riperkussjonijiet tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq in-negozju tar-rikorrenti u li x'aktarx din kienet ser tagħmel ħsara lin-negozju tagħhom mhux l-anqas għaliex huwa komuniment magħruf illi n-negozju ta' aġenzija marittima huwa wieħed internazzjonali bl-involviment ta' kumpaniji kbar lil'hinn minn xtutna illi mhux neċessarjament japprezzaw li isimhom ikun b'xi mod assoċjat, direttament jew indirettament, ma' interferenza politika jew *political imprompriety* ġewwa pajjiż fejn joperaw.

46. Fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma' jirrappreżentawx telf attwali. Madanakollu kif inghad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia'</u>** (ECLI:MT:AINF:2018:114767 – 18.12.2018 – Imħallef Anthony Ellul):

*"jkun iktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut iħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:*

- *In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
- *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
- *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
- *Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;*
- *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
- *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri;"*

47. Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni, il-Qorti tikkunsidra illi għalkemm l-allegazzjonijiet fil-konfront tar-rikorrenti m'humiex leġġeri dawn primarjament kienu indirizzati lejn terza persuna (ossia l-Ministru Konrad Mizzi) u mhux kontra l-istess rikorrenti għalkemm xorta waħda kienu malafamanti fil-konfront tagħhom. L-

artikolista żvija lill-qarrejja meta tahom informazzjoni żbaljata verifikabbli bi ftit diliġenza. L-artikolu ġie ppubblikat *in parte* fuq il-faċċata ta' ġurnal ewlieni li joħroġ nhar ta' Ħadd u b' tipa prominenti.

48. Il-Qorti tikkunsidra li fiċ-ċirkustanzi s-somma li għandha tiġi likwidata bħala danni tkun dik ta' ħames mitt euro (€500) taħt l-Artikolu 28(1) u ta' ħames mitt euro (€500) taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċiżjoni**

49. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

1. **Tiddikjara illi l-artiklu bit-titolu "*Konflitt ta' Interess*" ippubblikat fil-11 ta' Settembru 2016 fil-gazzetta "Il-Mument" illi għalih huma responsabbli l-intimati huwa malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u tan-negozju tagħhom kemm taħt l-Art. 28 u kemm taħt l-Art. 29 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. **Tikkundanna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' ħames mitt euro (€500) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta u s-somma ta' ħames mitt euro (€500) bħala danni likwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ċioe is-somma totali ta' elf euro (€1,000), bl-imgħaxijiet legali dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur